# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

Vs

**Gianluca Borg**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum:4 ta' Dicembru, 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Gianluca Borg ID 416414(M) bin Sandro u Simone nee Attard imwieled fil-20/09/1994 u joqghod Ta' Klara Triq ir-Ramla Naxxar Orchid Triq is-Slielem Swieqi talli fil-27 ta' Gunju, 2022 ghall-habta ta'08:30 hrs fi Triq Zejni Swieqi kantuniera ma' Triq iz-Zernieq Swieqi soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni CBG u talli;

1. b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni , jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu , ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara

jew hassart jew gharraqt xi haga jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti minhabba f'hekk Damien Schembri baghta offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Daniel Mizzi MD mill-MDH.
2. U anqast milli tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika STOP.

Il-Prosekluzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda

Rat l-artikoli Kap 9 Art 328 (c) LS 65.05 Reg 2 Taqsima II Art E(a) LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet x-xhiedha kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Damian Schembri, xehed:**

Avu; Mela meta kienet?

Xhud: 27th June 2022, kont ghaddej fuq il-mutur tieghi fi triq Zejni Madliena.

Qorti: fejn kont liema rahal?

Xhud: Triq Zejni hekk nahseb tigi.

Avu: Inti dik it-triq taghddi minnha spiss?

Xhud: Naghddi minnha spiss ghax hemmekk joqghod missieri u darbtejn fil-gimgha naghddi minn hemm.

Avu: U x`gara?

Xhud: Kont ghaddej minn hemm ghat-triq tieghi f`daqqa wahda minn side street,

Qorti: X`kont riekeb int?

Xhud: Il-mutur CCF 076, kont ghaddej dik triqti f`daqqa wahda harget Porsche minn side street tigi triq iz-Zernieq u,

Avu: Mas-side street hemm xi tabelli?

Xhud: Hemm Stop Sign u hemm tabella hemm sinjal ma l-art u hemm tabella Stop.

Avu: Igifieri il-vettura harget minn hemmekk?

Xhud: Harget sew mis-Stop Sign tant harget bis-sahha li jiena ghedt ha tibqa hierga ghax hemm li tista tibqa tielgha umbagahd induna bijja u bbrejkja u jien brejkjajt ukoll u skiddjajt il-mutur mar l`hemm,

Qorti: Hu kien wieqaf fil-mument tal-incident?

Xhud: Kien wieqaf.

Qorti: Kien hareg minn fuq Stop Sign?

Xhud: Hareg sew minn fuq Stop Sign,

Qorti: Kemm kont il-boghod mill-Stop Sign meta int rajtu l-ewwel darba mit-triq laterali?

Xhud: Tul ta din l-awla zgur kien hemm iktar minn tul ta din l-awla 10 meters 15 meters.

Qorti: Kemm kellek speed sinjur?

Xhud: Kont ghaddej bilmod forsi 30 hemmekk naqa prikoluz it-triq mhux lixx hemm daqxejn ta` liwja daqxejn il-mutur nizel daqxejn u jiena gismi igifieri skiddjajt u ghaddejt minn quddiem il-karozza u lmutir skiddja u dahal gol-karozza.

Qorti: Ha jezebbixxi xi ritratti?

Xhud: Iva,

Qorti: Dawk haddthom int?

Xhud: Iva dak il-hin u ghandi 3 ritratti haddthom wara.

Qorti: Mela ghidli li hadt dak il-mument u dawk naghmluhom DOK DS 1 sa DOK DS 4 li ittiehdu fil-mument tal-incident umbaghad dawk ta` wara kemm hemm?

Xhud: 3.

Qorti: Mela DS5,6 u 7.

Avu: Mela DOK DS1 ghidilna x`juri dak ir-ritratt?

Xhud: Ir-ritratt DOK DS1 juri li l-mutur qieghed fuq genbu u l-karozza hawnekk kien diga irriversja, meta jien skiddjajt u gejt in-naha l-ohra tal-Porsche tlajt litteralment tlajt maghha ghax kont mugugh igifieri granfajt mar-rota mal-mudguard u gejt bilwieqfa kif tlaqt idejja minn mal-karozza irriversja xi zewg metri.

Qorti: Igifieri dan ir-ritratt DOK DS1 diga kien irriversja xi zewg metri?

Xhud: Irriversja mal-ewwel.

Qorti: Issa dit-triq minn fejn kont ghaddej int din 2 way jew one way?

Xhud: 2 way.

Avu: Issa fuq dak ir-ritratt jider il-punt fejn hbattu?

Xhud: Il-mutur baqa` fil-post more or less.

Qorti: Il-mutur baqa` fejn waqa wara li skiddjajt?

Xhud: Fejn intlaqat issa jekk forsi meta irriversja dar daqxejn il-mutur imma more or less hemmekk ghax jien ma stajtx nara umbaghad kont in-naha l-ohra tal-karozza.

Qorti: Din il-barxa fit-triq ghandha x`taqsam mal-mutur jew kienet hemmekk qabel jekk tista tghidli?

Xhud: Probabbli tal-mutur.

Avu: Il-Point of impact f`liem karregata sar?

Xhud: Il-Point of impact qisu kien fin-nofs tat-triq qeghda hemmekk.

Qorti: Ara jekk tafx issa jekk tghidli ma nafx ghidli ma nafx jekk tafx dik il-barxa fit-triq kienetx ghandha x`taqsam mal-mutur tieghek tal-incident?

Xhud: Dik il-barxa tal-footpeg aktarx.

Qorti: Issa footpeg jew le ghandha x`taqsam mal-mutur tieghek.

Xhud: Bdejt inhoss ugiegh poggejt bilqeghda gew il-wardens u peress li kont mugugh qaluli ahjar jekk hemm xi injuries jiehdu hsieb il-pulizija mhux il-wardens umbaghad wara hafna gew umbaghad wara hafna giet l-ambulanza u gew il-pulizija wara xi saghtejn u nofs.

Avu: Kemm domt bil-griehi?

Xhud: Ghamilt xi gimgha l-isptar dan hemm rapport ta meta dhalt l-outpatients.

Avu: X`ghamlulek x`sabu li kellek l-isptar?

Xhud: Kelli … miksura.

Avu: U bhala kura x`kellek bzonn?>

Xhud: Ghandi plates u 9 viti.

Avu: U kemm domt biex irrikoverajt?

Xhud: B`kollox 6 xhur bejn gibs umbaghad xi 4 gimghat ohra bil-krozzi.

Avu: Issa ghandk xi rapport?

Xhud: Ghandi rapport tal-Profs Zammit Mempel.

Avu: Dawn x`inhuma?

Xhud: Fejn jidhirli li kienet waqfet il-karozza ghamilt zewg bicciet tal-kartuna.

Qorti: Igifieri fejn waqfet il-karozza wara li irriversjat qed tghid?

Xhud: Le qabel ma irriversja.

Qorti: U dawn x`inhuma dal-marki?

Xhud: Dik hemm xi bicciet tal-konkos in-naha ta` gewwa minnhom biex nurik jiena kont ghaddej fis-side tieghi tat-triq qabel ma bbrekjajt.

Qorti: Igifieri int qed tghid li qabel ma inti skiddjajt int kont fuq in-naha tieghek?

Xhud: Definitely.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Illum ghedt bil-gurament tieghek illi l-akkuzat irriversja il-karozza ezatt wara l-impatt hemm xi raguni partikolari ghaliex dan m`ghedtux fir-rapport tieghek meta ghamilt statement jekk jogghbok lil pulizija ghax ma jirrizultax?

Xhud: Ijja imma hu ammetta li irriversja kien kellem man-nies li kienu prezenti.

Avu: Ara inti qed tghid li huwa hareg mill-Stop Sign ara nghidx sew fl-ebda mument ma qabez il-karregata fejn kont gej inti?

Xhud: Le qabizha, qabizha bi ftit.

Avu: U inti meta rajtu ara nghidx sew li kont il-boghod hafna meta rajtu hiereg?

Xhud: Kont kif ghedt kont xi 15 il-metru il-boghod.

Avu; Ezatt u ara nghidx sew li waqaf ukoll?

Xhud: Waaqaf wara li nduna bija waqaf.

Avu: U inti fejn kont inti?

Xhud: Jien kont iktar vicin forsi 10 meters.

Avu: U x`ghamilt ghafast il-brake?

Xhud: Ghafast il-brake u skiddjajt.

Avu: U fejn marret il-mutur?

Xhud: Il-mutur skiddja fuq il-lemin in-naha tal-lemin tat-triq

Qorti: Fuq il-lemin tat-tri tieghek?

Xhud: Fuq il-lemin tieghi hemmekk mhux witgha hemmekk hemm daqxejn ta slow jekk taraw ir-ritrati taraw li hemm distanza bejn il-mutur u l-karozza tispjega is-self-evident li irriversja.

Avu: Ghalik self-evident, ha nurik dar-ritratt jekk jogghbok DOK GB ara nghidlek li l-karozza s`hemmekk harget tas-sinjur?

Xhud: No no no.

Avu: Qed taraf il-mutur tieghek f`dak ir-ritratt sinjur?

Xhud: Iva.

Qorti: Ghamilli X fuqu please ghax hemm 2 muturi.

Avu: U l-mutur tieghek min resqu jekk jogghbok inti jew xi haddiehor?

Xhud: Le jiena ma stajtx.

Avu: Xi haddiehor ressaq il-mutur min kien?

Xhud: Nahseb il-pulizija.

Avu: Naqblu li f`dak il-mument kien hemm il-karozza l-hamra ukoll kienet dejjem hemm il-Peugeot?

Xhud: Iva.

Avu: U ha nurih ritratt iehor igifieri is-sinjur kien tielgha mit-triq iz-Zernieq hux hekk u dik kienet triq iz-Zernieq?

Xhud: Sewwa.

Avu: U dik il-karozza l-hamra dejjem kienet hemmekk?

Xhud: Hemm baqet.

Avu: Ok xejn aktar mix-xhud.

**Gianluca Borg xehed hekk**

Avu; Ara sur Borg tista tispjega fl-incident x`gara fit-27 ta` Gunju 2022 x`kont qed issuq minn fejn kont gej u x`gara?

Xhud: Jien kont qed insuq il-karozza Porsche kotn tielgha minn triq iz-Zernieq biex nibqa sejjer ghall-triq iz-Zejni kif tibqa tieghla ghall-triq iz-Zejni,

Qorti: Qabvel ma taghmel haga ohra ha tezebixxi DOK GB1 u DOK GB2 ir-ritratti sinjur.

Xhud: Ok, issa inti bilfors triq iddur lejn il-left u terga titla lejn ir-right biex tkompli tieghla it-triq l-istess wahda il-fuq ovvjamnt jien kont fuq Stop ma tista tara xejn inti kif tohrog hrigt normali,

Avu: Normali f`liema sens?

Xhud: Hrigt normali biex nikser lejn il-left ovvjament kif rajt il-mutur ghax jkien naqra il-boghod minni jiena waqaft rajtu jisskiddja,

Qorti: Il-mutur fejn kien qabel skiddja u fuq liema naha tat-triq kien?

Xhud: Jekk qed inhares jiena lejh in-naha tal-left.

Qorti: Le fuq liema naha tat-triq tieghu kien in-naha tieghu jew wrong side x`kien?

Xhud: Wrong side, ovvjament rajt il-mutur dahal gol-karozza u naf li hu qisu inqala mil-mutur u skiddja in-naha tal-bieba tieghi.

Avu: U inti sa fejn hrigt?

Xhud: Jien ahrigt sa fejn hemm ir-ritratti ghax jiena umbaghad infatti il-mutur dahal go fija wieqaf.

Avu: U inti qatt f`xi hin?

Xhud: Le jiena qatt ma ersaqt lura.

Qorti: Irriversjajt int?

Xhud: Le.

Avu: U dawk ir-ritratti haddthom inti?

Xhud: Iva.

Avu: U dik il-karozza hamra kienet hemm?

Xhud: Ijja.

Avu: Dik il-karozza hamra kienet f`parking space apposta igifieri?

Xhud: Hemmekk jipparkjaw hafna ma nafx jekk kienetx f`parking space ghax gieli jipparkjaw.

Avu; Igifieri inti kellek tohrog ftit biex tara x`hemm u x `mhemmx?

Xhud: Biex tmur lejn il-left ma tarax xejn bilfors triq tohrog.

Avu: U b`liema speed hrigt?

Xhud: Normali, ovvjament x`hin rajt lis-sur Schembri ma l-art dak il-hin kelli t-tfal ghax kont ha nwassalhom l-iskola waqaft imma fil-verita jien ghentu biex iqum ma telghax

mal-karozza ghax jien dak il-hin hrigt ghax hu kien qieghed ma l-art.

Avu: Kif qam hu?

Xhud: Hu kien ma l-art fis-sens naf li kien jidher mugugh dak il-hin ovvjament umabghad nghidlek l-ewwel haga konnha qisna ha nimlew il-karozzi ma nafx kienx ha jcempel lil habib tieghu gie hemmekk fuq il-post dak in-nhar il-wardens kienu qeghdin xi gurnata bl-strike ghax x`hin cempilna kienu umbaghad x`hin gew ovvjament kien ghadda l-hin x`hin qalulu jekk hemmx xi hadd imwegga dak il-hin wara xi nofs siegha saqajh bdiet tugah.

Avu: Bil-gurament tieghek qatt qist inti mort fuq in-naha tar-right?

Xhud: Le, jien dejjem bqajt fuq is-side tieghi qatt ma qbizt infatti dan setgha facilment jaqbez kieku kien fuq in-naha tieghu jibqa ghaddej.

Avu: Xejn aktar sinjura.

Qorti: Mela inti kont tielgha ghedtilna hemm Stop Sign taf biha dik it-triq?

Xhud: Ijja.

Avu: U kien hemm karozza ipparkjata u bqajt hiereg?

Xhud: Le ma bqajtx hiereg.

Avu: Mela x`ghamilt?

Xhud: Jien x`hin kont fuq Stop waqaft normali inti meta tigi biex titla it-triq il-fuq bilfors tikser lejn il-left ghax int ma tistax tibqa hiereg ghax jinzlu il-karozzi kontra bilfors trid iddur lejn il-left issuq ftit umbaghad titla lejn ir-right ovvjament mirja m`hemm imkien jien naghddi minn hemm kuljum ghax hemm noqghod x`hin hrigt bilmod rajtu gej u waqaft ma stajt naghmel xejn iktar.

Avu: Kemm kien il-boghod jekk il-mutur, kemm kien il-boghod mal-karozza l-hamra lanqas kien hemm tul ta din l-awla nassumi?

Xhud: Mhux mal-karozza il-hamra kien hemm Smart izjed igifieri hawn tul id-doppju ta din l-awla.

Avu: Issa l-impatt fejn sar fejn kontu fejn ilqattu l-xulxin?

Xhud: Fejn hemm ir-ritratti tal-karozza.

Avu: Mela qed tigi muri ha norik DOK DS4 fejn sar l-impatt?

Xhud: Hawnekk sar.

Avu: Igifieri ma ccaqlaqtx?

Xhud: Le le le.

Avu: Daqsekk mix-xhud sinjura.

Ikkunsidrat

Illi fl-akkuzi ma hemmx indikat sew n-numru tal-vettura liqed jionghad kien qed isuq l-imputat. Fic-cirkostanzi ma hemmx il-grad ta' provi rikjest fil-kamp kriminali.

## Decide

Ghadaqstant ma ssibx lil Gianluca Borg hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjoijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**